




# Xogħol ta' restawr fuq il-Kurċifiss

Kulħadd faħħar ix-xogħol urġenti ta' restawr li sar fuq il-Kurċifiss mirakuluż li hu meqjum fil bażilika ta' San Ġorġ, wara li xi voluntiera li jgħinu fil-manutenzjoni u l-armar intebħu b'tislit ta' żebgħa li kienu qed jaqgħu minnu. Dan ġara meta l-Kurċifiss tniżżel minn postu fil-kappella Biżantina biex jittieħed wara l altar maġġur għal żmien ir-Randan, kif isir kull sena.

Malajr saret il-konsultazzjoni meħtieġa u ġew ikkuntattjati r-restawraturi Taljani li fl-1997 kienu nġabu minn Napli biex jirrestawraw l-istatwa ta' San Ġorġ. Dawn l-istess restawraturi kienu ħadmu wkoll fuq il Kurċifiss fejn kienet dehret xi ħsara u kienu wkoll naddfuh mill-ħmieġ u n-nugrufun li kellu fuqu. Imma dak in-nhar ma kienx sar restawr sħiħ fuqu.

Wara laqgħa pubblika li saret fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, kemm il-Prof. Rev. Ugo Dovere u r-restawratur Aurelio Talpa spjegaw dak li kien ġara u wieġbu mistoqsijiet fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-Kurċifiss, it-tipi ta' interventi meħtieġa, l-idoneità tal-kappella bħala post li jinżamm fih, l-użu tiegħu fil-purċissjonijiet u l-mixegħla tax-xemgħa quddiemu.

Il-parruċċani li attendew għal-laqgħa ġew assigurati li l-unika ħaġa meħtieġa li ssir hija restawr sħiħ ta' l-istatwa. L-esperti Taljani qalu wkoll li l-unika ħsara li jista' jsofri hu mill-bidla f'kolp tal-kundizzjoni klimatika aktarx sħuna li jkun jinsab fiha għall-kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa u umda li tista' sseħħ meta jinħareġ mill-knisja għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-parruċċani – inklużi l-proprjetarji tal-lukanda *Ta' Ċenċ* – kienu ġenerużi ħafna fil-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-ispejjeż tar-restawr, spejjeż li ma kinux jinkludu x-xogħol tar-restawraturi Taljani li fil-fatt għamluh b'xejn.

Fl-okkażjoni tax-xogħol limitat ta' restawr li sar, iżżanżan skroll tal-fidda sterlina, bil-kelmiet *"INRI"* miktuba bid-deheb fuqha, li tħallset ukoll minn membru tal-parroċċa.

Il-Kurċifiss mirakuluż, li kien sar daqs mija u sittin sena ilu, kien ġie kkummissjonat proprju biex jinħareġ fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbir, u għalhekk din is-sena wkoll inħareġ għal din il-purċissjoni devota u penitenzjali, l-ewwel waħda f'Għawdex.